MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2010

Numru 294/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**vs**

**WALTER BONNICI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Walter Bonnici ta’ 59 sena, bin Lewis u Olga nee’ Antignolo imwieled Sliema fl-24 ta’ Mejju 1950 u residenti 27 Triq Campis Zebbug Malta, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 469250(M),

Billi gie akkuzat talli f’Gunju 2010, f’dawn il-Gzejjer, fil-kapacita’ tieghu bhala Direttur tal-kumpanija *Spray Pack Limited*, b’mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta’

ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta’ sittax il-elf u mitejn ewro (€16,200) ghad-detriment ta’ *Muscat Pharmacy & Stores LLC* bazata Oman, ai terminu ta’ l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, fil-kapacita’ tieghu bhala Direttur tal-kumpanija *Spray Pack Limited,* approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe’ s-somma ta sittax il-elf u mitejn ewro (€16,200) ghad-detriment ta’ *Muscat Pharmacy & Stores LLC* bazata Oman, ai termini ta’ l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat li tinkwadra ruhha fl-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta inghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat li tinkwadra ruhha fl-artikoli 293 u 294 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta’ l-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien

sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula fit-Tahrika a tenur tal-imsemmi artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Innutat ukoll li fil-Verbal ts-Seduta tallum Dr Anthony Cutajar ghall-kumpanija Muscat Pharmacy & Stores LLC iddikjara li hu ghadu kif gie mghoddi lilu minghand id-difensur tal-imputat cheque fl-ammont ta' Ewro 16,200 bhala hlas dovut lill-kumpanija Muscat Pharmacy & Stores LLC mill-imputat bhala Direttur tal-kumpanija Spray Pack Limited rigwardanti dan il-kaz u ghaldaqstant l-istess Dr Anthony Cutajar ghall-kumpanija Muscat Pharmacy & Stores LLC iddikjara li l-imputat bhala Direttur tal-kumpanija Spray Pack Limited m'ghandu xejn pendenti mal-kumpanija Muscat Pharmacy & Stores LLC rigwardanti dan il-kaz.

Inoltre innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u illi llum hallas lill-parte civile tramite cheque u ghaldaqstant umilment issugerixxa li l-Qorti tikkunsidra li tipprovdi fil-konfront tal-imputat dak previst fl-artikolu fl-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Walter Bonnici, fuq ammissjoni, hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali tal-imputat, dak dikjarat minn Dr Anthony Cutajar ghall-kumpanija Muscat

Pharmacy & Stores LLC fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza u illi fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u illi llum hallas lill-parte civile tramite cheque u ghaldaqstant umilment issugerixxa li l-Qorti tikkunsidra li tipprovdi fil-konfront tal-imputat dak previst fl-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-istess imputat Walter Bonnici taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Rigward ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat Walter Bonnici, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-akkuza kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imsemmija l-ewwel akkuza.

Rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula fit-Tahrika a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward tali talba kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula fit-Tahrika a tenur tal-imsemmi artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Walter Bonnici l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-Sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------